KUNSILL LOKALI NADUR

# Minuti tal-ħdax (11) il-laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur
## It-Tnejn, 11 ta' Jannar, 2015 fil-5.30 pm

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsillier |
| Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Brittany Attard | Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ |

**1. Talba.**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**2. Minuti.**

Il-minuti tal-għaxar (10) laqgħa, tal-Ħamis 3 ta' Diċembru 2015 tat-tmien (8) Kunsill Lokali ġew ikkoreġuti, approvati, ffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

Bħala punti mill-minuti, is-Sindku Edward Said innota:

a. Is-Sindku nnota li l-EPC *for community centre* lest u intbgħat.

b. Dwar il-PA system tal-Milied fit-toroq, din ma ntuzatx għax intużat għal Presepju Ħaj.

**3. Korrispondenza.**

(5406) Kwotazzjoni tal-platform li se tintuza ghall-attivitajiet tal-Karnival minghand Joseph Mercieca.

(5407) E-mail mingħand id-DLG fejn jinfurmawna li l-Kunsilli se jinzammu magħluqin nhar is-Sibt 26 ta' Diċembru u is-Sibt 2 ta' Jannar.

(5408) Ittra ta' ringrazzjament mingħand l-Arċipriet b'referenza għal fatt li l-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni għat-Traffic Management Plan ħdejn ċimiterju ġdid.

Edward Said
Sindku

Sue-Ellen Bugeja
Segretarju Ezekuttiv

(5409) Talba mingħand l-Arċipriet biex jinbena struttura Multifunctional fi Triq Binġemma biex tintuża bhala maħzen għall-Kunsill u anke għal attivitajiet oħra organizzati mill-Kunsill. Kunsill qabel li fiz-zmien li ġej issir laqgħa mal-Perit dwar il-pjanti li hemm.

(5410) E-mail mid-DLG rigward titjib ta' l-Access Points tal-Internet f'postijiet pubbliċi. Il-Kunsill applika għal access point fil-playing field tal-Ħali u Ġnien il-Kunsill li jiġu frekwentati minn ħafna nies. Il-kunsill setgħa japplika għal zewġ access points. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar issuġġeriet li jintgħalab ukoll access point ieħor fil-Ġnien ta' San Blas. Is-Segretarja ser tibgħat talba oħra lid-DLG fuq dan.

(5411) Ċertifikat tal-Perit Robert Grech dwar "Embellishment and upgrading of the starting point for Nadur Nature Trail (Paving and signs) in an environmentally friendly manner under EAFRD Measure 313". Josianne Cutajar staqsiet rigward is-sign boards u t-totems li ghadhom ma twahhlux.

(5412) Ċertifikat tal-Perit Robert Grech dwar "Embellishment of the Nadur Main Square in an Environmentally friendly manner"

(5413) Memo 35/2015 dwar Talbiet għal Servizzi mill-MITA.

(5414) Memo 33/2015 – Direttiva – Ftehim mal-iskemi dwar ġbir ta' skart separat

(5415) Memo 34/2015 – Kuntratti dwar latrini pubbliċi.

(5416) Ċirkulari AKL Ċirk 2/2016 dwar proċeduri ġodda marbutin mat-twaħħil ta' bozzoz.

(5417) PQ 22152

(5418) PQ 21925

(5419) PQ 21926

(5420) PQ 21914

(5421) PQ 21913

(5422) PQ 21919

(5423) Acknowledgement mid-DLG dwar ittra li ntbagħtet mill-Kunsill Lokali.

(5424) Invit għas-sindku mill-Kamra tad-Deputati biex jiltaqa' mad-Deputy Speaker.

(5425) Ittra mingħand l'Avukat Marsette Xerri rigward il-kaz ta' Laurence Borg.

(5426) Memo 02/2016 –Emendi ghall-Att dwar Kunsilli Lokali.

(5427) Memo 03/2016 – Għeluq tas-sena finanzjarja.

(5428) Memo 01/2016 dwar rapport tal-ufficcju nazzjonali tal-verifika (NAO)2014.

**Edward Said**
**Sindku**

**Sue-Ellen Bugeja**
**Segretarju Ezekuttiv**

## 4. Approvazzjoni ta' Pagamenti.

Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti li ġiet ippreżentata qabel il-laqgħa. Is-Sindku issuġġerixxa li jsir pagament ta' 10,000 euro fuq il-kont pendenti tal-PPP. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dan.

Is-Sindku Edward Said semma xi pagamenti oħrajn li ser jiżdiedu mal-iskeda u l-Kunsill approva l-iskeda kollha kemm hi. Il-Kunsill laqgħa talba ta' Dr. Josianne Cutajar li l-iskeda tal-pagamenti wkoll jibda jkollha indikazzjoni dwar kull pagament hux Tender, Kwotazzjoni jew Direct Order.

## 5. Aġġudikazzjoni tal-offerti pubbliċi tal-provista tal-ilma f'gonna pubbliċi u soft areas.

Is-Sindku nforma lil kunsilliera li l-Kunsill irċieva ittra mingħand l-avukat ta' Lawrence Borg dwar l-għażla tal-kuntratt tal-provista tal-ilma f'gonna pubbliċi u soft areas, fejn intqal li id-deċiżjoni meħuda kienet waħda arbitrarja, diskriminatorja u preġudizzjevoli. Is-Sindku innota li sar eżerċizzju twil fl-aħħar xhur b'mod transparenti u d-deċiżjoni ma saritx fuq bażi arbitrarja kif ġie allegat fl-ittra tiegħu. L-ittra lanqas spjegat għalfejn qed jiġi allegat dan kollu. Fl-aħħar laqgħa l-kunsill qabel unaniment li tingħata l-offerta lil kuntrattur Sammy Attard u tinbgħat il-*letter of acceptance* u l-kuntratt jiġi iffirmat għal tliet snin. Is-Sindku kompla jgħid li l-*letter of acceptance* intbgħatet izda l-kuntratt għadu ma giex iffirmat. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li tintbagħat ittra b'risposta mingħand l-avukat li qabbad il-Kunsill (Dr. Charlie Galea) u jigi iffirmat il-kuntratt mal-kuntrattur Sammy Attard kif ġa ġie deċiż fl-aħħar laqgħa.

## 6. Karnival 2016

Is-Sindku nforma lil kunsilliera li l-poster ta' l-artist James Azzopardi u disinn ta' Paul Portelli huma lesti u kien hemm ħafna kummenti sbieħ fuqhom. Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-memento tal-partecipanti ser jkollu l-poster tal-karnival fuqu ta' l-artist James Azzopardi. Il-Kunsilliera qablu ma dan. Hu kompla jgħid li l-main sponsors tal-Karnival huma d-Dipartiment għal Gvern Lokali, l-Ministeru għal Għawdex u l-General Soft Drinks. Il-Kunsill bgħat ukoll diversi talbiet għal sponsors żgħar lil kuntratturi li jagħtu servizz lil Kunsill. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li għandu jintbgħat ukoll ittra lil lukandi t'Għawdex kollha.

Fuq il-Karnival organizzat is-Sindku informa lil kunsilliera li ser jkun hemm Eileen Montesin bħala preżentatur tal-programm li ser jieħu madwar tlett siegħat u l-programm ser jinfetaħ bl-innu tal-Karnival u zfin imtellgħa minn Rebecca Bonello u diversi tfal. Din is-sena l-istruttura ser tkun bis-siġġijiet u imdawwra bil-barriers. Kien hemm suġġeriment li jinġabru flus waqt l-attivita' għal Puttinu. Fuq il-programm is-Sindku informa li ser ikun hemm diversi gruppi

Edward Said
Sindku

Sue-Ellen Bugeja
Segretarju Ezekuttiv

fosthom zfin, hilarious, maskeruni, maskarati u karrijiet li ser jieħdu sehem bi ħlas li ġie miftiehem waqt din il-laqgħa. Fost dawn il-gruppi l-Kunsilliera qablu li biex din l-attivita' tkun ta' suċċess għandhom jieħdu sehem l-Guggenband Musik bil-ħlas għas-servizz tagħhom fl-ammont ta' 1,450 euro u jitħallas ukoll it-trasport u l-ikel. Rigward servizz mil-Banda Imnarja il-kunsilliera qablu li din is-sena biss barra l-ħlas għas-servizz tagħhom jitħallsu ukoll kumpens għal kostum ġdid bl-ammont totali ta' 700 euro.

Rigward il-Karnival Spontanju s-Sindku infurma lil kunsilliera li l-karrijiet ser jgħaddu minn Triq it-Tigrija għal Triq Lazzru Pisani u jiġu verifikati hemmhekk u jimxu skont l-ordni tagħhom wieħed wara l-ieħor. Hu ssuġerixxa li issir laqgħa pubblika rigward il-karnival għal parteċipanti u ħwienet fejn ikun prezenti s-Supretendent tal-Pulizija, nhar it-Tlieta 12 ta' Jannar, fil-5:15pm. Is-Sindku kompla jgħid li ser jixxandar il-Karnival Spontanju tas-Sibt fuq Net TV. Il-Kunsilliera qablu wkoll li jitqassmu flyers iċ-Ċirkewwa u fil-lukandi tal-Karnival. Matthew Xuereb ser jieħu ħsieb jgħin fl-indafa.

## 7. Kwotazzjonijiet tal-Karnival 2016

*09/2015 Lighting of central streets during Carnival 2016* - Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni waħda. Il-Kunsill għażel din l-Kwotazzjoni ta' D Illumination Ltd (€1510.40).

*10/2015 Mechanical Street Cleaning for Carnival 2016*- Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni waħda. Il-Kunsill għażel din il-kwotazzjoni ta' Charlon Mercieca (€3985).

*11/2015 Hire of mobile toilets for Carnival 2016* - Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni waħda. Il-Kunsill għażel din il-kwotazzjoni ta' Micheal Refalo (€35.40/toilet/day).

*12/2015 Security Services during Carnival 2016*- Il-Kunsill irċieva tlett kwotazzjonijiet ta' Joe Mercieca (€8.22/hr), Security First Services Ltd (€9.70/hr) u Executive Securities Services Ltd (€9.69/hr). Il-Kunsill għażel l-orħos waħda ta' Joe Mercieca. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar issuġġerit li jigu verifikati qabel ir-rati li huma konformi mar-rati tal-prekarjat skond iċ-ċirkulari tal-gvern. Is-Sindku u s-Segretarja ser jiċċekjaw dwar dan qabel jiġi konfermat.

*08/2015 Hire of PA system for Organized Carnival 2016* - Il-Kunsill irċieva tlett kwotazzjonijiet (large PA u small PA system) ta' Christopher Sciortino (€285 u €75), High End (€450 jew €395 u €80), u ta' Ronnie Dimech (€329 u €118). Il-Kunsill għażel l-orħos waħda ta' Christopher Sciortino.

*07/2015 A platform to be used for Carnival Activities* - Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni waħda ta' Joseph Mercieca ta' €3894. Peress li x-xogħol ried jinbeda malajr biex jitlesta s-Sindku bgħat e-

mail lil kunsilliera bil-kwotazzjoni imsemmija. Il-Kunsilliera approvaw u qablu li jsir ix-xogħol skond il-kwotazzjoni ta' Joseph Mercieca.

**8. Suq ta' nhar t'Erbgħa**

Is-Sindku informa lil Kunsill li wasal iż-żmien li tiġi ittekiljata din is-sitwazzjoni sabiex naraw nistgħux nerġgħu nibdew nużaw il-Pjazza. Hu kompla jgħid li hu u l-ħaddiem tal-Kunsill marru jaraw fuq il-post kejlu u raw li joqgħodu fil-Pjazza. Is-Sindku issuġġerixxa li issir laqgħa il-Gimgħa fis-7:00 p.m. fejn jigi diskuss din il-materja fit-tul u jkun hemm il-ħaddiem tal-kunsill u s-security biex jispjegaw aħjar is-sitwazzjoni. Il-Kunsilliera qablu fuq dan.

**9. Affarijiet Oħra.**

a) ***Embellishment fil-Pjazza San Pietru u San Pawl*** – Is-Sindku informa lil kunsilliera li għaddej xogħol fuq il-ġibjun li ser ikunu koperti mill-fondi tal-Unjoni Ewropeja. Ser isir xogħol fuq il-*gutter* li l-ispejjeż tagħhom mhux ta' ammont kbir u jitħallsu min-naħa tal-kunsill. Bi tweġiba għal mistoqsija ta' Josianne Cutajar, hu kompla jgħid li daqt jibdew jeħlu t-*totems* tal-Pjazza u *signage* tal-widien. Fuq is-sistema tad-dawl ta' l-art hemm bzonn li tinbidel. Is-Sindku semma ukoll li qed nistennew mingħand il-MEPA approvazzjoni ta' l-emenda li tresqet fil-laqgħat preċedenti. Il-Perit tal-Kunsill qed jaħdem fuq id-*draft plan* ghat-*tables and chairs* biex imbgħad tiġi diskussa waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Josianne Cutajar fakkret lis-Sindku biex jitlaqa' ma' Mary Debono li wkoll ghandha hanut fil-Pjazza. Is-Sindku innota li filwaqt li ser jiltaqa ma dawn, il-priorita f'dan ir-rigward tibqa lejn dawk li diga ghandhom permessi. Il-Perit ser jaħdem ukoll fuq *specs* għat-tender tal-*pots* fil-Pjazza. Kien hemm qbil fuq dan kollu min-naħa tal-kunsill.

*Dan il-ħin ġiet skużata mil-laqgħa il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud.*

b) ***Approvazzjoni tal-Vacation Leave għal sena 2016*** - Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-handyman tal-Kunsill baqgħalu pendenti 129.75 siegħa u l-iskrivana baqalha 142.75 siegħu. Is-Sindku kompla jgħid li peress li kien hemm nuqqas ta' ħaddiema u ċertu xogħol ried jitlaħħaq bilfors ma kienx possibli li dawn jieħdu l-vacation leave kollu. Il-Kunsill qabel li jiġi akkumulat għas-sena 2016.

c) ***Performance Appraisals*** - Is-Sindku u l-Kunsilliera qablu li l-Agent Segretarju għandu jieħu 10% bonus u l-iskrivana 6% bonus.

d) ***Torri Sopu*** - Is-Sindku informa lil kunsilliera li saret laqgħa ma LDAH. Hu kompla jgħid li sar xi manutenzjoni u li ser isiru anke xi koxox lit-twieqi minhabba l-ilma. Is-Sindku informa lil kunsilliera li ġiet proposta exhibition f'Mejju. Il-Kunsilliera qablu li jibdew isiru exhibitions f'dan it-torri.

e) ***Laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex***- Is-Sindku bgħat lil Kunsilliera e-mail ta' x'ġie diskuss

**Edward Said**
**Sindku**

**Sue-Ellen Bugeja**
**Segretarju Ezekuttiv**

f'din il-laqgħa li hu attenda. Is-Sindku informa lil kunsilliera li wara din il-laqgħa li saret il-kunsill gie mitlub jagħmel scarifying u tarmac fi Triq l-Isqof MF Buttigieg. Is-Sindku ippropona li tinħareg kwotazzjoni għal scarifying u tarmac f'toroq ġodda – Triq Isqof MF Buttigieg, Triq Lourdes, Triq Grunju u Triq Arc. Saver Cassar. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

f) ***Fixed Assets***- Is-Sindku informa lil kunsilliera li qed isir tindif fil-garaxx li jikri l-kunsill u fl-aħħar xhur tgħaddew tiżjin antiki tal-Milied lil paroċċa biex jintuża l-copper. Hu kompla jgħid li hemm salib kbir tal-ħadid u flok li dan jintrema staqsa lil paroċċa u lil Mużew jekk rieduhx. Peress li ħadt ma riedu ser jiġbru kuntrattur bi spejjeż tiegħu.

g) ***Bozoz***- Is-Sindku informa lil kunsilliera li qed isiru diversi ilmenti rigward dlam f'numru ta' toroq madwar in-Nadur minn meta nbiddlet is-sistema tal-bozoz. Hu kompla jispjega s-sitwazzjoni ta' zewg bozoz li waqgħu fit-Triq Papa Ljun XII u Wied ir-Riħan. Is-Sindku kellu diversi laqgħat mar-Reġjun ta' Għawdex u ma' l-Engineer Curmi rigward din is-sitwazzjoni. Is-Sindku spjega li kull bozza gdida tiswa madwar €250 meta ġab stima minghand ESS Lighting (l-istess kumpanija li pprovdiet il-bozoz kollha l-godda fil-kuntratt li ntrebah f'Ghawdex). Għalhekk is-Sindku temporanjament ser jara li jinxtraw tnejn sabiex jinbidlu dawk li waqgħu u mbagħad niddeċiedu fuq rikjesti ġodda minn hemm il-quddiem. Il-Kunsill qabel. Josianne Cutajar staqsiet jekk hux possibli li tingabar stima tax-xogholijiet sabiex issir il-bozza fi Triq Dahlet Qorrot li ntalbet f'laqghat ta' qabel.

h) ***Festa San Blas*** - Il-Kunsill qabel li l-Festa ta' San Blas titellgħa bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill u allura nikkollaboraw b'ammont ta' 300 euro.

i) ***Air Condition*** - Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-air condition fir-reception area mhux jaħdem. Is-Segretarja ġabret tlett kwotazzjonijiet. Il-Kunsilliera qablu li dawn il-kwotazzjoniet jiġu verifikati minn persuna teknika qabel. Is-Segretarja ser tinfurma lil kunsilliera wara li jiġu verifikati.

j) ***Drawers fl-Uffiċċju tas-Segretarja*** - Is-Sindku infurma lil kunsilliera li hemm bżonn jinbidel il-post tad-drawers li hemm fl-uffiċċju tal-Segretarja u jitpoġġew minflok l-internet centre li m'ghadux jintuza.

k) ***Triq San Blas għal bajja*** - Is-Sindku innota li hemm bżonn tinħareg stima għal cement f'parti sostanzjali mil-bidu ta' din it-triq. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' dan u ser jiddiskuti wara li tinġabar stima.

l) ***Ħinijiet tal-Kunsill*** - Is-Sindku infurma lil kunsilliera li l-ħin għal pubbliku ser jkun mit-8:00 am sa nofsinar u mis-1:00pm sa 4:00pm. Hu kompla jgħid li l-iskrivana bdiet taħdem is-Sibt u tieħu t-time off f'ġurnata minnhom fost il-gimgħa bi ftehim mas-Segretarja.

m) ***Laqgħa mas-Shadow Minister għal Għawdex Onor. Chris Said*** - Fuq talba ta' Onor. Chris Said biex jiltaqa' mal-Kunsill Lokali tan-Nadur, il-Kunsilliera qablu li issir laqgħa miegħu s-Sibt 16 ta' Jannar fl-10:00am, dejjem jekk ikunu jistgħu l-Kunsilliera Josianne Cutajar u Michael Camilleri.

**Edward Said**
**Sindku**

**Sue-Ellen Bugeja**
**Segretarju Ezekuttiv**

n) ***Laqgħa Wellbeing Interactive*** - Is-Sindku informa lil kunsilliera li ser issir laqgħa fis-sala tal-kunsill għar-residenti mingħand Radu Gheorge li ser jieħu ħsieb ir-reklamar min-naħa tiegħu. Il-Kunsilliera qablu ma' dan.

o) ***Charging Pillar*** - Is-Sindku semma li dwar it-talba biex insibu post ieħor għac-Charging Pillar tal-Electric Cars, huwa qed jipproponi Triq Lazzru Pisani. Il-Kunsilliera qablu u s-Sindku ser jinfurmahom fejn eżatt qabel immexxu.

p) ***Konferenza Stampa*** - Rigward il-konferenza stampa mal-Ministru Stefan Buontempo, dwar attivitajiet li bbenefikaw minn fondi mid-Dipartiment, din ser issir nhar id-29 ta' Jannar f'St. James Cavalier.

q) Talba mingħand Grima 56, Triq il-Knisja rigward double yellow line ħdejn garaxx. Ser issir talba lil TM.

r) Talba mingħand Frans Attard rigward gate b'saħħita fi Triq Ċimċem. Ser jagħmel ix-xogħol Vella Garage.

s) Talba mingħand resident fi St Joseph, Triq San Blas u anke minn Taurus, Triq San Blas għal cement taħt il-bankina.

t) Talba biex jinbena ħajt li waqa bl-ilmijiet fi Triq ir-Rabat u jissaħħaħ bis-sement, liema xogħol ser isir mill-ħaddiema tal-Kunsill flimkien mal-kuntrattur. Josianne Cutajar staqsiet jekk hemmx bzonn li ssir stima imma nghatat ir-risposta li mhemmx xoghlijiet kbar.

u) Talba għal bankina ġdida fi Triq Madre Gemma Camilleri, pero wara spezzjoni, din għada tajba u allura ma hiex ser issir bħalissa.

v) Talba mingħand John Camilleri għal bozza ġdida fi sqaq f'Ramla Road. Din ser tidħol fil-lista ta' talbiet għal bozoz ġodda.

w) Talba mingħand il-Viċi Sindku rigward tranġar tal-kurduna bankina fi Triq San Ġużepp.

x) Ġie nnutat li t-tabella tal-one way fi Triq Binġemma qed tinsteraq. Is-Sindku ser jara li terġa ssir oħra ġdida.

y) Michael Camilleri mill-ġdid staqsa dwar il-bus shelter f'Tal-Hali. Is-Sindku ser ikompli jiċċekja.

z) Il-Viċi-Sindku talab li wkoll inċaqilqu il-pjanta li hemm fi Triq Lazzru Pisani. Is-Sindku ser jara dwar dan.

aa) Ħidmietna f'Isimkom- Is-Sindku ssuġerixxa li tinħareg edizzjoni oħra fi Frar. Il-Kunsilliera qablu ma dan. Il-Viċi Sindku issuġerixxa li jkun hemm sezzjoni fuq l-inawgurazzjoni tal-Pjazza San Pietru u San Pawl.

**Edward Said**
**Sindku**

**Sue-Ellen Bugeja**
**Segretarju Ezekuttiv**

## 10. Data għall-laqgħa oħra

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 p.m.

Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta 16 ta' Frar 2016 fil-5.30 p.m.

**Edward Said**
**Sindku**

**Sue-Ellen Bugeja**
**Segretarju Ezekuttiv**

**Kunsill Lokali: Nadur** **Skeda Numru 11**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 03/12/15 - 03/01/16

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Simon Ellul | €400.00 | €400.00 | D | INV | Energy performance studies - Community Centre | 04.01.16 | 4012016 | 14437 |
| 2 | Sammy Attard | €103.80 | €103.80 | D | INV | Hardware goods | 15.12.15 | 377 | 14438 |
| 3 | Wasteserv | €2,014.97 | €2,014.97 | T | INV | MSW - October | 01.11.15 | 61273 | 14439 |
| 4 | Compass Group Ltd. | €603.41 | €603.41 | D | INV | SME Insurance policy | 01.12.15 | 127921 | 14440 |
| 5 | Compass Group Ltd. | €113.00 | €113.00 | D | INV | Group personal accident insurance policy | 01.12.15 | 127921 | 14441 |
| 6 | Xerri's Garden Centre | €100.00 | €100.00 | D | INV | Spiral cypress tree | 11.12.15 | 2437 | 14442 |
| 7 | VOID | VOID | VOID | N/A | N/A | VOID | 13.01.16 | | 14443 |
| 8 | Joseph Rapa | €1,223.50 | €1,223.50 | T | INV | Pavements | 25.11.15 | 3340075 | 14444 |
| 9 | Abraham's Supplies Co. Ltd. | €60.00 | €60.00 | D | INV | Christmas hampers | 16.12.15 | 183769 | 14445 |
| 10 | Robert Coaches | €88.50 | €88.50 | D | INV | Harga anzjani | 12.11.15 | 169 | 14446 |
| 11 | Joseph Camilleri | €12.60 | €12.60 | D | INV | Romblu harir | 15.12.15 | 2040 | 14447 |
| 12 | Robert Grech | €3,300.44 | €3,300.44 | T | INV | Architect and project Manager fee | 11.12.15 | 236/1074-21 | 14448 |
| 13 | Robert Grech | €749.49 | €749.49 | T | INV | Architect and project Manager fee | 11.12.15 | 236/1074-20 | 14449 |
| 14 | R.A.& Sons Ltd. | €38.99 | €38.99 | D | INV | Tiles | 06.11.15 | 19684 | 14450 |
| 15 | Abraham's Supplies Co. Ltd. | €390.00 | €390.00 | D | INV | Christmas hampers | 11.12.15 | 183614 | 14451 |
| 16 | Smart Office Supplies Ltd. | €97.74 | €97.94 | D | INV | Toner and stationery | 09.12.15 | 32236 | 14452 |
| 17 | Go Plc | €89.07 | €89.07 | D | INV | Telephone bill | 05.12.15 | 46157500 | 14453 |
| 18 | Go Plc | €16.20 | €16.20 | D | INV | Telephone bill | 05.12.15 | 46163999 | 14454 |
| 19 | Joseph Magro | €269.04 | €269.04 | T | INV | Bulky Refuse October | 31.10.15 | 14053 | 14455 |
| 20 | Joseph Magro | €285.86 | €285.86 | T | INV | Bulky Refuse November | 30.11.15 | 14054 | 14456 |
| | **Total** | **€9,956.61** | **€9,956.81** | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Nadur** **Skeda Numru 11**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 03/12/15 - 03/01/16

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | The Guard & Warden Service House | €31.68 | €31.68 | D | INV | Traffic fmanagement fee | 30.11.15 | GS002739 | 14457 |
| 22 | Salvu Meilak | €185.25 | €185.25 | T | INV | Cleaning of Public Convenience in North street | 04.12.15 | 8664063 | 14458 |
| 23 | Ronnie Mizzi | €465.00 | €465.00 | K | INV | Mohriet | 09.12.15 | 2476 | 14459 |
| 24 | HighEnd | €700.00 | €700.00 | D | INV | PA System Inauguration of Square | 14.11.15 | 016/015 | 14460 |
| 25 | VOID | VOID | VOID | N/A | N/A | VOID | 12.01.16 | | 14461 |
| 26 | R.A & Sons Ltd. | €38.99 | €38.99 | D | INV | Tiles | 06.11.15 | 21-Nov | 14462 |
| 27 | Teddy Zammit | €450.00 | €450.00 | D | INV | Wine Festival Live Music Entertainment | 30.08.15 | | 14463 |
| 28 | Cartridge World Malta Ltd. | €10.00 | €10.00 | D | INV | Photocopier service | 04.12.15 | 19-May | 14464 |
| 29 | Bjorn Vella | €250.00 | €250.00 | D | INV | Speakers for Nadur 8K | 15.11.15 | | 14465 |
| 30 | Nicholas Zammit | €170.00 | €170.00 | T | INV | Cleaning Service in October | 01.11.15 | 2502015 | 14466 |
| 31 | Nicholas Zammit | €170.00 | €170.00 | T | INV | Cleaning Service in November | 01.12.15 | 2682015 | 14467 |
| 32 | Salvu Meilak | €185.25 | €185.25 | T | INV | Cleaning of Public Convenience in North street | 04.01.16 | 8664062 | 14468 |
| 33 | Ray's Catering Service | €100.00 | €100.00 | D | INV | Reception for Christmas Exhibition | 12.12.15 | 45351 | 14469 |
| 34 | Marthese Caruana | €200.74 | €200.74 | K | EC | Cleaning service November & December | 12.01.16 | | 14470 |
| 35 | Matthew Xuereb | €164.73 | €164.73 | D | EC | General hand December | 31.12.15 | | 14471 |
| 36 | Anthony Magro | €226.87 | €226.87 | D | EC | General Hand december | 31.12.15 | | 14472 |
| 37 | Abraham's Supplies Co. Ltd | €30.00 | €30.00 | D | INV | Christmas hampers | 21.12.15 | 184048 | 14473 |
| 38 | Sammy Mifsud | €135.50 | €135.50 | D | INV | Hardware goods | 24.12.15 | 386 | 14474 |
| 39 | Carmelo Galea & Associates | €100.00 | €100.00 | D | INV | Re: Water Tender | 22.12.15 | | 14475 |
| 40 | Andrew Fleri Soler | €155.00 | €155.00 | D | INV | Photocopier service | 19.12.15 | Jan-00 | 14476 |
| | | **€3,769.01** | **€3,769.01** | | | | | | |
| | **balance b/f** | **€9,956.61** | **€9,956.81** | | | | | | |
| | **balance c/f** | **€13,725.62** | **€13,725.82** | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Nadur**

**Skeda Numru 11**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 03/11/15 - 02/12/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Tac-Callu Water Supplies | €280.25 | €280.25 | T | INV | Gnien il-Kunsill - October | 10.11.15 | Jun-01 | 14477 |
| 42 | Tac-Callu Water Supplies | €185.25 | €185.25 | T | INV | Gnien il-Kunsill - November | 12.12.15 | 531 | 14478 |
| 43 | Downtown Hotel | €70.00 | €70.00 | D | INV | 1 night accomodation for Cicciano delegation | 22.12.15 | | 14479 |
| 44 | Radu Gheorghe | €280.00 | €280.00 | D | INV | General Fitness Classes | 30.12.15 | | 14480 |
| 45 | Chris Paul Cardona | €169.50 | €169.50 | T | INV | Sweeping of San Blas - December | 31.12.15 | 41 | 14481 |
| 46 | Mario Cardona | €118.75 | €118.75 | T | INV | Opening of Public Convenience Dahlet Qorrot - December | 31.12.15 | 58 | 14482 |
| 47 | Joseph azzopardi | €955.85 | €955.85 | T | EC | November | 30.11.15 | | 14483 |
| 48 | Joseph azzopardi | €402.20 | €402.20 | T | EC | December | 31.12.15 | | 14484 |
| 49 | Carmen Mifsud | €165.00 | €165.00 | K | EC | Day Centre Co-Ordinator - December | 31.12.15 | | 14485 |
| 50 | M'Rose Grima | €150.00 | €150.00 | D | EC | Day Centre Helper - December | 31.12.15 | | 14486 |
| 51 | Rita Sultana | €150.00 | €150.00 | D | EC | Day Centre Helper - December | '31.12.15 | | 14487 |
| 52 | Segretarja Ezekuttiva - Skala 7 | €1,400.21 | €1,400.21 | T | EC | December Salary | 31.12.15 | | 14488 |
| 53 | Martin Attard | €120.00 | €120.00 | D | INV | Halloween photos | 20.12.15 | | 14489 |
| 54 | Galea Curmi Eng. Cons. Ltd. | €96.62 | €96.62 | T | INV | Contract manager fee | 04.01.16 | 3831 | 14490 |
| 55 | KIP | €3,391.50 | €3,391.50 | T | INV | Refuse collection December | 31.12.15 | 20344 | 14491 |
| 56 | KIP | €352.80 | €352.80 | T | INV | Diesel Indexation | 31.12.15 | 20350 | 14492 |
| 57 | ARMS Ltd. | €65.50 | €65.50 | D | INV | Electricity bill | 15.01.16 | 21489531 | 14493 |
| 58 | John Ivan Xuereb | €2,692.50 | €2,692.50 | T | EC | General hand November & December | 31.12.15 | | 14494 |
| 59 | B.C.D. Graphics Ltd | €105.00 | €105.00 | D | INV | Carnival posters | 30.12.15 | 6096 | 14495 |
| 60 | Ozone Ltd. | €38.89 | €38.89 | D | INV | Telephone bill | 31.12.15 | 116758 | 14496 |
| | **Sub total** | **€11,189.82** | **€11,189.82** | | | | | | |
| | **balance b/f** | **€13,725.62** | **€13,725.82** | | | | | | |
| | **balance c/f** | **€24,915.44** | **€24,915.64** | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

Kunsill Lokali: Nadur

Skeda Numru 11

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 03/11/15 - 02/12/15

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | Horace Enterprises Ltd. | €41.30 | €41.30 | D | INV | 1 token | 07.01.16 | 5886 | 14497 |
| 62 | Mario Mallia | €48.92 | €48.92 | D | INV | Road signs | 07.01.16 | 394 | 14498 |
| 63 | Go Plc | €115.55 | €115.55 | D | INV | Telephone bill | 06.01.16 | 46599833 | 14499 |
| 64 | Go Plc | €13.87 | €13.87 | D | INV | Telephone bill | 06.01.16 | 46606231 | 14500 |
| 65 | Rupert Grech | €270.00 | €270.00 | D | INV | Fire works for Delicata Wine Festival | 23.10.15 | 8 | 14501 |
| 66 | Local Council Association | €20.00 | €20.00 | D | INV | Performing right society | 08.01.16 | | 14502 |
| 67 | Joseph Said | €560.00 | €560.00 | D | EC | Co-Ordinator Dar Frangisk Grima August - December | 31.12.15 | | 14503 |
| 68 | Joseph Magro | €201.78 | €201.78 | T | INV | Bulky Refuse Collection December | 31.12.15 | 14056 | 14504 |
| 69 | Pierre Vella | €70.00 | €70.00 | D | INV | Signs | 06.01.16 | 16001 | 14505 |
| 70 | Gatt Tarmac Ltd. | €10,000.00 | €10,000.00 | T | PP | Part Payment - PPP | 12.01.16 | | 14506 |
| 71 | Sue-Ellen Bugeja | €401.00 | €401.00 | N/A | INV | Reimbursement FECC | 15.01.16 | | 14507 |
| 72 | Sue-Ellen Bugeja | €22.20 | €22.20 | N/A | INV | Reimbursement Court Letter | 15.01.16 | | 14508 |
| 73 | APS Bank | €2,400.00 | €2,400.00 | L | PP | Transfer to Loan Account | 20.01.16 | | 14509 |
| 74 | D.O.I. | €9.32 | €9.32 | D | INV | Advert | 20.01.16 | | 14510 |
| 75 | Zuzana Svobodova | €265.00 | €265.00 | D | INV | Part paymnet for Pilates | 22.01.16 | 2016 02 | 14511 |
| 76 | CIR | €1,386.60 | €1,386.60 | N/A | EC | FS5 December | 25.01.16 | | 14512 |
| 77 | Mario Cassar | €50.00 | €50.00 | D | EC | Service of Council flag | 27.01.16 | | 14513 |
| 78 | VOID | VOID | VOID | N/A | N/A | VOID | 02.02.16 | | 14514 |
| 79 | Sue-Ellen Bugeja | €401.00 | €401.00 | N/A | INV | Reimbursement Charter Membership | 29.01.16 | | 14515 |
| 80 | Mayor | €482.38 | €482.38 | N/A | EC | Mayor Allowance January | 01.02.16 | | 14516 |
| | **Sub total** | **€16,758.92** | **€16,758.92** | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€24,915.44** | **€24,915.64** | | | | | | |
| | **Total** | **€41,674.36** | **€41,674.56** | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier Kunsillier

**Kunsill Lokali: Nadur** **Skeda Numru 11**

**Kunsill Lokali: Nadur** **Skeda Numru 11**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**03/11/15 - 02/12/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 81 | Impjegat Skala 7 | €1,690.13 | €1,690.13 | N/A | EC | Salary January | 01.02.16 | | 14517 |
| 82 | Impjegat Skala 15 | €1,660.03 | €1,660.03 | N/A | EC | Salary and performance Bonus January | 01.02.16 | | 14518 |
| 83 | Impjegat Skala 14 | €1,136.48 | €1,136.48 | N/A | EC | Salary January | 01.02.16 | | 14519 |
| 84 | VOID | VOID | VOID | N/A | N/A | VOID | 01.02.16 | | 14520 |
| 85 | CIR | €1,766.64 | €1,766.64 | N/A | EC | FS5 January | 01.02.16 | | 14521 |
| 86 | Doris Buttigieg | €105.00 | €105.00 | D | INV | Toys for Kukkanja | 25.01.16 | | 14522 |
| 87 | MaltaPost | €49.92 | €49.92 | D | EC | Stamps | 04.02.16 | | 14523 |
| 88 | D.Illumination Ltd. | €708.00 | €708.00 | D | INV | Halloween light decorations | 23.12.15 | | 14524 |
| 89 | | | | | | | | | |
| 90 | | | | | | | | | |
| 91 | | | | | | | | | |
| 92 | | | | | | | | | |
| 93 | | | | | | | | | |
| 94 | | | | | | | | | |
| 95 | | | | | | | | | |
| 96 | | | | | | | | | |
| 97 | | | | | | | | | |
| 98 | | | | | | | | | |
| 99 | | | | | | | | | |
| 100 | | | | | | | | | |
| | **Sub total** | **€7,116.20** | **€7,116.20** | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€41,674.36** | **€41,674.56** | | | | | | |
| | **Total** | **€48,790.56** | **€48,790.76** | | | | | | |

Sindku Segretarju Ezekuttiv